VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 445 tal-2018

ATT DWAR L-AWTORITÀ TA' *STANDARDS* TA' ĦARSIEN SOĊJALI (KAP. 582)

Regolamenti tal-2018 dwar *Standards* Soċjali Regolatorji fuq l-Adozzjoni tat-Tfal

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 30(5) tal-Att dwar l-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali, il-Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2018 dwar *Standards* Soċjali Regolatorji fuq l-Adozzjoni tat-Tfal. Titolu.

2. Dawn ir-regolamenti, permezz tal-Iskeda, jgħollu l-*Istandards* Soċjali Regolatorji fuq l-Adozzjoni tal-Tfal, għal status ta' liġi sussidjarja taħt l-Att dwar l-Awtorità ta' *Standards* ta' Ħarsien Soċjali. Skop.

3. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra: Tifsir.

"Adottat" tfisser persuna jew persuni li kienu adottati qabel ma laħqu l-età ta' tmintax (18);

"Adozzjoni" kif imfisser fl-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni tfisser adozzjoni lokali jew bejn pajjiż u ieħor magħmula skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili, id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni, u kull regolament magħmul taħtu; Kap. 495. Kap. 16. Kap. 495.

"Adozzjoni bejn pajjiż u ieħor" kif imfisser fl-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni tfisser adozzjoni magħmula skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili fir-rigward tal-adozzjoni, id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni u l-liġi ta' pajjiż barrani: Kap. 495. Kap. 16. Kap. 495.

(a) skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1993 jew kwalunkwe` Trattat Internazzjonali ieħor fejn Malta hija Stat parti; jew

(b) f'Malta, fir-rigward ta' tfal li mhux abitwalment residenti f'Malta, jew favur ta' kull persuna mhux abitwalment residenti f'Malta;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"Adozzjoni Lokali" tfisser adozzjoni li tinvolvi ġenituri adottivi u tfal li fil-ħin tal-adozzjoni kienu abitwalment residenti f'Malta;

Kap. 495. "Adozzjoni Miftuħa" kif imfisser fl-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni tfisser adozzjoni magħmula skont l-artikolu 22 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni u l-artikolu 119 tal-Kodiċi Ċivili, li permezz tagħha t-tfal iżommu kuntatt mal-ġenituri bijoloġiċi tagħhom u/jew il-familja bijoloġika;

Kap. 495.

Kap. 16.

"Adulti adottati" tfisser persuna jew persuni li kienu adottati qabel ma laħqu l-età ta' tmintax (18) u illum huma akbar minn tmintax(18)-il sena;

Kap. 495. "Aġenzija Akkreditata" kif imfisser fl-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni tfisser organizzazzjoni li hija akkreditata mill-Awtorità Ċentrali, skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1993 dwar il-Protezzjoni tal-Ulied u l-Koperazzjoni f'Adozzjonijiet bejn Pajjiż u Ieħor, sabiex twettaq adozzjonijiet lokali u/jew bejn pajjiż u ieħor;

"Applikanti" tfisser persuna jew persuni li japplikaw ma' Aġenzija Akkreditata sabiex tadotta/jadottaw tfal, iżda li jkunu għadhom mhux approvati bħala eliġibbli u adatti bħala ġenituri adottivi prospettivi mill-Bord għall-Adozzjoni;

"Awtorità Ċentrali" tfisser l-Awtorità stabbilita bis-saħħa tal-artikolu 7 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni; Kap. 495.

"Bord għall-Adozzjoni" tfisser il-Bord imwaqqaf bis-saħħa tal-artikolu 3 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni; Kap. 495.

"Bord ta' Appell" tfisser il-Bord imwaqqaf bis-saħħa tal-artikolu 16 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni u bord amministrattiv jew tribunal ieħor, li jista' jinħatar proviżorjament mill-Ministru rispettiv sabiex jaqdi l-funzjonijiet kollha, jew x'uħud mill-funzjonijiet kif speċifikat fl-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni; Kap. 495.

Kap. 495.

"Familja bijoloġika" tfisser il-familja naturali;

"Ġenituri adottivi" tfisser persuna jew persuni li adottat tfal;

"Ġenituri adottivi prospettivi" tfisser persuna jew persuni li kienu approvati mill-Bord għall-Adozzjoni bħala eliġibbli u adattati sabiex jadottaw it-tfal;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"Ġenituri bijoloġiċi" tfisser l-omm u/jew il-missier naturali;

"Ħaddiem Soċjali" kif stipulat fl-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali; Kap. 495. Kap. 468.

"Indikatur ta' Kwalità" tfisser stqarrija li tistipula l-ħtiġijiet sabiex titwettaq il-konformità mal-i*Standard*;

"Indikatur ta' Prestazzjoni" tfisser deskrittur attiv ta' x'għandhom jagħmlu l-Aġenziji Akkreditati biex jassiguraw ir-riżultati tas-servizz li jsostnu l-indikaturi ta' kwalità;

"Maniġment" tfisser persuna jew persuni li taġixxi/jaġixxu f'isem l-Aġenzija Akkreditata sabiex jipprovdu tmexxija lill-istaff u jissorveljaw u jikkontrollaw il-funzjonijiet proprju tas-servizzi offruti;

"Opinjoni tat-tfal" tfisser il-ħsibijiet u sentimenti espressi minn tfal li qed jiġu mfittxija wara li jittieħed kont tal-età u l-livell ta' fehim tagħhom;

"Pajjiż ta' Oriġini" fir-rigward tal-adozzjoni bejn pajjiż u ieħor, ifisser pajjiż minn fejn tfal jiġu adottati;

"Qorti kif imfisser fl-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni tfisser il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja); Kap. 495.

"*Staff*" tfisser persuna jew persuni mqabbda mill-Aġenzija Akkreditata fejn waħda mir-responsabbiltajiet tal-persuna huwa li tipprovdi servizzi jew tipprovdi appoġġ għall-għoti ta' servizzi fil-qasam tal-adozzjoni tat-tfal, irrispettivament jekk u kif dik il-persuna hija kkumpensata;

"Tfal" skont l-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni, tfisser persuna jew persuni taħt it-tmintax(18)-il sena, kif stipulat fl-*istandards*, li qed jiġu kkunsidrati għal adozzjoni, qed jiġu adottati jew kienu adottati; Kap. 495.

"Tfittxija ta' oriġini" tfisser it-tfittxija mwettqa wara talba mill-persuni adottati lill-Aġenzija Akkreditata għall-informazzjoni dwar l-oriġini tal-persuni addottati u l-familja bijoloġika tagħhom;

"Transizzjoni" tfisser il-proċess li permezz tiegħu t-tfal jibdew jgħixu mal-ġenituri adottivi prospettivi.

VERŻJONI ELETTRONIKA

SKEDA
(Ir-regolament 2)

Standard 1: Id-Drittijiet u l-Involviment tat-Tfal

Stqarrija ta' *Standard*:

Dan l-*istandard* jippromwovi ir-rispett tad-drittijiet tat-tfal bl-involviment u l-appoġġ lit-tfal matul il-proċeduri ta' qabel l-adozzjoni kif ukoll wara l-adozzjoni.

Indikaturi ta' Kwalità:

1. Għal adozzjonijiet lokali, l-Aġenzija Akkreditata tgħin lit-tfal jifhmu l-proċeduri tal-adozzjoni u tappoġġja lit-tfal sabiex jesprimu l-opinjonijiet u s-sentimenti tagħhom b'mod adattat għall-età tagħhom.

2. Għal adozzjonjiet lokali, l-Aġenzija Akkreditata tappoġġja lit-tfal matul it-transizzjoni u *placement* fil-familja adottiva.

3. Għal adozzjonijiet lokali u bejn il-pajjiżi, l-Aġenzija Akkreditata ssegwi u tappoġġja tfal li kienu ġew adottati permezz tas-servizzi tagħha.

4. Għal adozzjonijiet lokali u bejn il-pajjiżi, l-Aġenzija Akkreditata tassisti u tappoġġja tfal, li kienu ġew adottati permezz tas-servizzi tagħha, fit-tfittxija tal-oriġini tagħhom.

Standard 2: Tħejjija w Appoġġ għal Ġenituri Adottivi

Stqarrija ta' *Standard*:

Dan l-*istandard* jippromwovi t-tħejjija u l-għajnuna lil persuni sabiex isiru ġenituri adottivi kif ukoll appoġġ bħala ġenituri adottivi.

Indikaturi ta' Kwalità:

1. Għal adozzjonijiet lokali u bejn il-pajjiżi, l-Aġenzija Akkreditata tinforma lill-applikanti prospettivi dwar il-proċess tal-adozzjoni tat-tfal u s-servizzi li hija toffri.

2. Għal adozzjonijiet lokali u bejn il-pajjiżi, l-Aġenzija Akkreditata tħejji lill-applikanti sabiex isiru ġenituri adottivi prospettivi b'mod effettiv u dettaljat.

VERŻJONI ELETTRONIKA

3. Għal adozzjonijiet lokali u bejn il-pajjiżi, l-Aġenzija Akkreditata tevalwa applikanti prospettivi b'mod ħolistiku u effettiv bil-għan li jkunu mħarsa l-aħjar interessi tat-tfal.

4. Għal adozzjonijiet lokali, l-Aġenzija Akkreditata tlaqqa' lit-tfal mal-ġenituri adottivi prospettivi bl-użu ta' proċedura publikata li hija rigoruża u trasparenti.

5. Għal adozzjonijiet bejn il-pajjiżi, l-Aġenzija Akkreditata tappoġġja u tagħti pariri lill-ġenituri adottivi prospettivi matul il-proċess tat-tqabbil.

6. Għal adozzjonijiet lokali, l-Aġenzija Akkreditata tappoġġja lill-ġenituri adottivi prospettivi meta l-tfal jibdew jgħixu magħhom.

7. Għal adozzjonijiet lokali u bejn il-pajjiżi, l-Aġenzija Akkreditata tappoġġja l-ġenituri adottivi wara li l-Qorti Kompetenti toħroġ id-digriet tal-adozzjoni.

Standard 3: Appoġġ Għall-Familji bijoloġiċi

Stqarrija tal-*Istandard*:

Dan l-*istandard* jippromwovi informazzjoni w appoġġ lill-familji bijoloġiċi involuti fl-adozzjoni tat-tfal.

Indikaturi ta' kwalità:

1. Għal adozzjonijiet lokali, l-Aġenzija Akkreditata tinforma lill-ġenituri bijoloġiċi dwar id-drittijiet tagħhom u l-proċess ta' adozzjoni.

2. Għal adozzjonijiet lokali, l-Aġenzija Akkreditata tassisti u tappoġġja lill-ġenituri bijoloġiċi.

3. Għal adozzjonijiet lokali miftuħa, l-Aġenzija Akkreditata tinvolvi lill-ġenituri bijoloġiċi fit-tfassil ta' ftehim dwar adozzjoni miftuħa.

Standard 4: L-Immaniġjar tal-Kwalità tas-Servizz

Stqarrija tal-*Istandard*:

Dan l-*istandard* jippromwovi l-immaniġjar tas-servizz ibbażat fuq it-titjib kontinwu tal-operazzjoni tas-servizz u l-iżvilupp tal-i*staff*.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Indikaturi ta' Kwalità:

1. L-Aġenzija Akkreditata timplimenta strateġiji ta' mmaniġjar sabiex ittejjeb kontinwament l-għoti tas-servizz lill-persuni li jużaw is-servizzi tagħha.

2. L-Aġenzija Akkreditata timplimenta strateġiji ta' reklutaġġ trasparenti u tippjana l-iżvilupp kontinwu tal-i*staff*.